# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 74

**30 ta' Lulju, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 74.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**74.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

### 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**74.2.1** **Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

### 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**74.3.1** **Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.**

### 74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**74.4.1** **Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

### 74.5 *Computer Laboratory* u Librerija;

**74.5.1** **Is-Sindku Max Zammit qal li huwa jixtieq li l-librerija issirilha ix-xogħol meħtieġ biex din tibda tintuża. Huwa qal li l-kunsill għandu ħaddiem li kapaci jagħmel dan ix-xogħol u kull m'hemm bżonn hu li jinxtara il-materjal. Huwa qal li jixtieq li l-librerija ssir *Audio Visual Centre* fejn ikun hemm aċċess għal-kompjuters u għal kotba fl-istess ħin. Huwa qal li jixtieq li l-ammont ta' kotba jitnaqqas ħafna minħabba li hemm ħafna kotba bla bżonn.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposti tas-sindku**

**74.5.2** **Huwa qal ukoll li jixtieq li l-kunsill isib mekkaniżmu li bih il-laboratorju tal-kompjuters ikun mikri lil terzi persuni biex il-kunsill ikollu introjtu ġdid.**

**Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu parir legali fuq kif hu possibli li ssir kirja ta' kamra mil-kunsill u wara tittieħed deċiżjoni.**

## 74.6 Struttura tal-amministrazzjoni tal-kunsill;

**74.6.1** **Is-Sindku Max Zammit qal li wara li s-Segretarju Eżekuttiv preżenti Clayton Xuereb irreżenja mil-kariga, huwa qiegħed jipproponi li l-*Assistant Principal* Yasmine Tonna tingħata iktar responsabilitajiet specjalment fid-*day to day running* tal-kunsill.**

**74.6.2** **Huwa żied li huwa ta' l-opinjoni li tinħareġ vakanza ġdida ta' Assistant Principal fil-Kunsill Ta' Xbiex.**

**74.6.3** **Huwa ippropona wkoll li s-Sur Matthew Dimech li fil-mument huwa s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema u ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv fi ħdan dan il-kunsill jerġa jinħatar bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv biex ikun hemm kontinwazzjoni ta' ħidma fi ħdan il-kunsill.**

**74.6.4** **Is-Sindku Max Zammit qal ukoll li għandu wkoll proposta biex iżied l-għajnuna fi ħdan il-kunsill billi jġib persuna li taħdem mal-*Caritas*. Huwa qal li din il-persuna mhux ser tkun qiegħdha tiġi mħallsa direttament mill-kunsill. Hu jemmen li hemm ħafna modi kif flimkien nistgħu nikkolaboraw anki fid-dawl ta' kollaborazzjonijiet passati.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proponimenti tas-Sindku.**

## 74.7 Is-sitwazzjoni tas-soft areas;

**74.7.1** **Is-Sindku Max Zammit qal li issa li l-perjodu għas-sottomessjonijiet tal-offerti għall-immaniġjar tas-soft areas għalaq u għaldaqstant hemm bżonn li jinfetħu l-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li għal dan il-għan ikun għaqli jekk il-kunsill iqabbad espert f'dan il-qasam. Huwa issuġġerixxa lil Dr. Cuschieri li huwa ic-CEO tal- ELC li ma kienux interessati u ma għamlu l-ebda offerta għal dan it-*tender*. Is-Sindku qal ukoll li huwa jipproponi li l-kunsilliera F Roe u E Muscat ikunu parti minn dan il-bord ta' aġġudikazzjoni.**

**Il-Kunsill qabel ma dawn il-proponimenti.**

## 74.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**74.8.1** **Ma kienx hemm items ta' xogħol oħra.**

## 74.9 Rapporti mill-Kunsilliera;

**74.9.1 Ma kienx hemm rapporti mill-kunsilliera.**

## 74.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 13 ta' Awwissu, 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**74.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tnejn 13 ta' Awwissu 2018.**

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| ________________ | ________________ |
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |